Mosta	L-utile dominju perpetwu tal-appartament Nru 2, inklużi porzjoni diviża tal-bejt bl-arja tiegħu u washroom, formanti parti mill-fond Nru 27 jismu 'Astra Flats', fi Triq il-Bergamott	Nicholas Caruana u Elaine Cortis;	289189M 337587M	1806/14
Mosta	*The perpetual utile dominium of apartment No 2, including a divided portion of the roof and its airspace and washroom, forming part of tenement No 27 named 'Astra Flats', in Triq il-Bergamott;*			
Mosta	Id-direttt dominju perpetwu tal-garaxx Nru 18, formanti parti minn 'OK Buildings', fi Triq il-Kungress Ewkaristiku;	Il-Gvern ta' Malta		1910/14
Mosta	*The perpetual direct dominium of garage No 18, forming part of 'OK Buildings', in Triq il-Kungress Ewkaristiku;*	*The Government of Malta*		
Mosta	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-appartamenti Nri 2, 3 u 6, formanti parti minn 'Lucia Flats', fi Triq id-Delu;	Il-Gvern ta' Malta		1961, 1962 u 1963 tal-2014
Mosta	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartments Nos 2, 3 and 6, forming part of 'Lucia Flats', in Triq id-Delu;*	*The Government of Malta*		
Msida	Id-direttt dominju perpetwu tal-fond jismu 'La Juente', il-Mina tat-Torri;	Il-Gvern ta' Malta		1896/14
Msida	*The perpetual direct dominium of the tenement named 'La Juente', il-Mina tat-Torri;*	*The Government of Malta*		
Msida	Il-fond Nru 20 fi Triq il-Wied; 2/3 ndiviżi tal-fond Nru 13 fi Triq il-Wied;	Il-Gvern ta' Malta		1902 u 1903 tal-2014
Msida	*Tenement No 20 in Triq il-Wied; 2/3 undivided shares of tenement No 13 in Triq il-Wied;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Msida	Il-fond Nru 11 jismu 'Beau Site', fi Triq l-Esperanto;	Miriam Cassar	58841M	1913 u 1914 tal-2014
Msida	*Tenement No 11 named 'Beau Site', in Triq l-Esperanto;*			
Naxxar	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond Nru 41 jismu 'Rampila', fi Triq l-Għenieq;	Il-Gvern ta' Malta		1682/14
Naxxar	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 41 named 'Rampila', in Triq l-Għenieq;*	*The Government of Malta*		
Naxxar	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 1 jismu 'Uplands', u l-garaxx Nru 1, fi Triq il-Ħabbata;	Il-Gvern ta' Malta		1790/14
Naxxar	*The perpetual direct dominium of tenement No 1 named 'Uplands', and garage No 1, in Triq il-Ħabbata;*	*The Government of Malta*		
Naxxar	Biċċa art fis-Salina tal-kejl ta' 1,190 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1800/14
Naxxar	*A plot of land at Salina covering an area of 1,190 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Naxxar	Porzjoni mill-art Iċ-Ċens tar-Rużarju, kontrada ta' Santa Marija, tal-kejl ta' 966 m.k., fi Triq San Publiju;	Il-Gvern ta' Malta		1818/14
Naxxar	*A portion of the land Iċ-Ċens tar-Rużarju, district of Santa Marija, covering an area of 966 s.m., in Triq San Publiju;*			
Naxxar	Żewġ porzjonijietmill-art Tal-Għallis sive Is-Sieqja tal-Wilġa sive Tal-Papa, tal-kejl kumplessiv ta' 66,342 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1954 u 1958 tal-2014
Naxxar	*Two divided portions of the land Tal-Għallis sive Is-Sieqja tal-Wilġa sive Tal-Papa, together covering an area of 66,342 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Pembroke	L-utile dominju temporanju ta' biċċa art tal-kejl ta' 2,079 m.k.;	St Michael School Ltd.,	C9943	1697/14
Pembroke	*The temporary utile dominium of a plot of land covering an area of 2,079 s.m.;*			
Pieta'	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond bin-Nri 39 u 41, fi Triq K Mifsud; tal-appartament Nru 6, formanti parti mill-fond Nru 19 jismu 'Emsee Flats', fi Triq Zammit Clapp;	Il-Gvern ta' Malta		1729 u 1732 tal-2014
Pieta'	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement at Nos 39 and 41, in Triq K Mifsud; of apartment No 6, forming part of tenement No 19 named 'Emsee Flats', in Triq Zammit Clapp;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qrendi	Korrezzjoni LRA 1511/2009 kif korretta b'LRA 2393/2013. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1673/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		1673/14
Qrendi	*Correction of LRA 1511/2009 as corrected by LRA 2393/2013.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1673/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Qrendi	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond jismu 'St Paul', fi Triq Nazzareno Sammut;	Il-Gvern ta' Malta		1675/14
Qrendi	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement named 'St Paul', in Triq Nazzareno Sammut;*	*The Government of Malta*		
Qrendi	Korrezzjoni tat-titolu 49000735 (LRA 3647/2009). B'dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà applikazzjoni LRA 1692/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		1692/14
Qrendi	*Correction of title 49000735 (LRA 3647/2009).* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 1692/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Rabat	Tlett partijiet minn Porzjoni Nru II mill-art Tas-Salvatur, it-Tafal tan-Nofs, tal-kejl kumplessiv ta' 25,390 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1683, 1685 u 1686 tal-2014
Rabat	*Three parts of Portion No II of the land Tas-Salvatur, it-Tafal tan-Nofs, together covering an area of 25,390 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Rabat	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond Nru 5 fi Triq Inguanez;	Il-Gvern ta' Malta		1727/14
Rabat	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 5 in Triq Inguanez;*	*The Government of Malta*		
Rabat	Id-dar Nru 57 jisimha 'Poppy', fi Triq Bir ir-Riebu;	Mario Zahra u Stephanie Zammit	400286M 532390M	1823/14
Rabat	*House No 57 named 'Poppy', in Triq Bir ir-Riebu;*			
Rabat	Id-direttt dominju perpetwu tal-garaxx Nru 4, formanti parti minn 'Victoria Court', fi Triq Ħad-Dingli;	Il-Gvern ta' Malta		1842/14

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Rabat	*The perpetual direct dominium of garage No 4, forming part of 'Victoria Court', in Triq Ħad-Dingli;*	*The Government of Malta*		
Rabat	L-għalqa Ta' San Blas tal-kejl ta' 2,817 m.k., kontrada ta' San Blas;	Matthew u Iana, aħwa Said	29090M	1925/14
Rabat	*The field Ta' San Blas covering an area of 2,817 s.m., district of San Blas;*	*Matthew and Iana, siblings Said*		
Rabat	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond Nru 45 jismu 'Il-Marqad', fi Triq San Vinċenz Ferreri;	Il-Gvern ta' Malta		1897/14
Rabat	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 45 named 'Il-Marqad', in Triq San Vinċenz Ferreri;*	*The Government of Malta*		
Rabat	Korrezzjoni LRA 464/1998. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 2000/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		2000/14
Rabat	*Correction of LRA 464/1998.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2000/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Raħal il-Ġdid	Id-dirett dominju perpetwu ta' żewġ garaxxijiet bin-Nri 25 u 27, fi Triq il-Bjar;	Il-Gvern ta' Malta		1636/14
Raħal il-Ġdid	*The perpetual direct dominium of two garages at Nos 25 and 27, in Triq il-Bjar;*	*The Government of Malta*		
Raħal il-Ġdid	Biċċa art tal-kejl ta' 25 m.k.; biċċa art tal-kejl ta' 9 m.k.; biċċa art tal-kejl ta' 15 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1797, 1798 u 1799 tal-2014
Raħal il-Ġdid	*A plot of land covering an area of 25 s.m.; a plot of land covering an area of 9 s.m.; of a plot of land covering an area of 15 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Raħal il-Ġdid	Id-dirett dominju perpetwu tal-ewwel sular, it-tieni sular, il-bejt u l-kantina, formanti parti minn Blokk 1 mill-art Tal-Borġ;	Il-Gvern ta' Malta		1989/14
Raħal il-Ġdid	*The perpetual direct dominium of the ground floor, first floor, the roof and basement, forming part of Block 1 of the land Tal-Borġ.*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	L-appartament Nru 4, formanti parti mill-fond bin-Nri 89 u 90 jismu 'Mikeamal Place', fi Triq Spinola;	Maurice Borg et	638641M	1810/14
San Ġiljan	*Apartment No 4, forming part of tenement at Nos 89 and 90 named 'Mikeamal Place', in Triq Spinola;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Ġiljan	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond Nru 8, fi Triq Forrest;	Il-Gvern ta' Malta		1841/14
San Ġiljan	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 8, in Triq Forrest;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	Id-dirett dominju perpetwu ta' blokk bini (ġja 'Spinola Hotel), fi Triq Ross;	Il-Gvern ta' Malta		1843/14
San Ġiljan	*The perpetual direct dominium of a block of building (formerly 'Spinola Hotel), in Triq Ross;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	Korrezzjoni LRA 24/2014. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1998/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		1998/14
San Ġiljan	*Correction of LRA 24/2014.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1998/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	Korrezzjoni LRA 3863/2013. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1999/2014, korrezzjoni limitament rigward l-ammont taċ-ċens;	Il-Gvern ta' Malta		1999/14
San Ġiljan	*Correction of LRA 3863/2013.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1999/2014, a correction limitedly as regards the amount of ground rent;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	L-utile dominju temporanju tad-dar Nru 40fi Triq Ġorġ Borg Olivier, b'bieb ieħor bin-Nru 168 fi Triq il-Kbira;	Wilfred Portanier Mifsud u martu Anna	853448M 628147M	2004/14
San Ġiljan	*The temporary utile dominium of house No 40 in Triq Ġorġ Borg Olivier, with another door at No 168 in Triq il-Kbira;*			
San Pawl il-Baħar	Erba' porzjonijiet mill-art Ta' Bir Fummejn, Għajn Riħana, tal-kejl kumplessiv ta' 38,060 m.k., ġewwa Burmarrad;	Il-Gvern ta' Malta		1638, 1639, 1640 u 1641 tal-2014
San Pawl il-Baħar	*Four portions of the land Ta' Bir Fummejn, Għajn Riħana, together covering an area of 38,060 s.m., at Burmarrad;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Korrezzjoni LRA 1921/2007 kif korretta bl-LRA 4263/2013. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1680/2014, korrezzjoni limitament rigward tibdil fl-ammont taċ-ċens u fid-deskrizzjoni tal-proprjetà;	Il-Gvern ta' Malta		1680/14

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Baħar	*Correction of LRA 1921/2007 as corrected by LRA 4263/2013.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1680/2014, a correction limitedly as regards changes in the amount of ground rent and the description of property;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 83 jismu 'Marfil', fi Triq il-Mazzola;	Il-Gvern ta' Malta		1894/14
San Pawl il-Baħar	*The perpetual direct dominium of tenement No 83 named 'Marfil', in Triq il-Mazzola;*	*The Government of Malta*		
Santa Venera	Is-subutile dominju perpetwu tat-terran Nru 16 jismu 'May House', fi Triq Emanuel Attard;	Lawrence Gatt u martu Josephine	561030M 181935M	1742/14
Santa Venera	*The perpetual subdirect dominium of the ground floor tenement at No 16 named 'May House', in Triq Emanuel Attard;*			
Santa Venera	Porzjoni mill-art Ta'Torretta, tal-kejl ta' 3,780 m.k.;	Benefice Santa Lucia delle Perolli (Arċidjoċesi ta' Malta)		1957/14
Santa Venera	*A portion of the land Ta'Torretta, covering an area of 3,780 s.m.;*	*Benefice Santa Lucia delle Perolli (Archdiocese of Malta)*		
Siġġiewi	L-utile dominju perpetwu tal-maisonette Nru 14 jismu 'Calendula', inkluži t-tromba tat-taraġ, il-bejt u l-arja tiegħu, kif ukoll il-garaxx Nru 16, fi Triq ir-Rebbiegħa;	Karin Vella	468781M	1865/14
Siġġiewi	*The perpetual utile dominium of maisonette No 14 named 'Calendula', including the stairwell, roof and its airspace, also garage No 16, in Triq ir-Rebbiegħa;*			
Swieqi	Korrezzjoni LRA 466/2005. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1672/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		1672/14
Swieqi	*Correction of LRA 466/2005.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1672/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Swieqi	Il-fond Nru 18 jismu 'Clovermead', fi Triq Ta' Fuq il-Ġonna;	Albert Couder u martu Sandra	432467M 55968M	1826/14
Swieqi	*Tenement No 18 named 'Clovermead', in Triq Ta' Fuq il-Ġonna;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Swieqi	L-utile u s-subutile dominju temporanju ta' ½ indiviż tal-appartament Nru 6, inklużi tlett ikmamar fil-livell tal-kantina li jiżokkaw ġol-ġnien privat tal-kejll ta' 45 m.k., formanti parti mill-fond Nru 82 jismu 'Dawson Place', fi Triq is-Sirk;	Veronica Mifsud u Edmond Bartoli	519347M 453949M	1996/14
Swieqi	*The temporary utile and subutile dominium of ½ undivided share of apartment No 6, including three rooms at basement level, abutting into the private garden, forming part of tenement No 82 named 'Dawson Place', in Triq is-Sirk;*			
Tas-Sliema	Id-dar Nru 32 fi Triq Carmel;	Richard Twigg u martu Gabriela		1646/14
Tas-Sliema	*House No 32 in Triq Carmel;*			
Tas-Sliema	L-utile dominju temporanju tal-fond Nru 48 fi Triq Santa Rita;	Il-Gvern ta' Malta		1694/14
Tas-Sliema	*The temporary utile dominium of tenement No 48 in Triq Santa Rita;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Korrezzjoni LRA 265/2014. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1735/2014, korrezzjoni limitament rigward l-ammont taċ-ċens;	Il-Gvern ta' Malta		1735/14
Tas-Sliema	*Correction of LRA 265/2014.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1735/2014, a correction limitedly as regards the amount of ground rent;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	It-terran Nru 25 inkluż is-sotterran tiegħu, fi Triq San Pawl;	Ed Mears Ltd	C44815	1777/14
Tas-Sliema	*The ground floor tenement including its underlying ground, in Triq San Pawl;*			
Tas-Sliema	½ indiviż tad-dar Nru 89, fi Triq San Ġwann Battista;	Lucienne Scerri u Noel Borg	296575M 591277M	1778/14
Tas-Sliema	*½ undivided share of house No 89, in Triq San Ġwann Battista;*			
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà (liema cens gie konvertit f' wiehed perpetwu wara d-data ta' skadenza) tal-fond Nru 44 fi Triq il-Kbira;	Il-Gvern ta' Malta		1792/14

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter (which ground rent was converted to a perpetual one after the date of expiry) of tenement No 44 in Triq il-Kbira;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-fond Nru 14B fi Triq il-Lembi;	Il-Gvern ta' Malta		1911/14
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 14B in Triq il-Lembi;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-appartament Nru 6, formanti parti mill-fond Nru 62, fi Triq Gafar;	Il-Gvern ta' Malta		1956/14
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartment No 6, forming part of tenement No 62, in Triq Gafar;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dar Nru 40 jisimha 'Nizza House', fi Triq San Piju V;	Anne Marie Quercia	29971A	2002/14
Tas-Sliema	*House No 40 named 'Nizza House', in Triq San Piju V;*			
Valletta	Il-Knisja tal-Maddalena, fi Triq Merkanti;	Arċidjoċesi ta' Malta		1733/14
Valletta	*The Magdalene Church, in Triq Merkanti;*	*Archdiocese of Malta*		
Valletta	Il-mezzanin Nru 80, fi Triq il-Punent;	Doreen Attard et	32657M	1815/14
Valletta	*The first floor tenement at No 80, in Triq il-Punent;*			
Wied il-Għajn	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-maisonette Nru 1 jisimha 'Sardinella' u l-garaxx Nru 1, fi Triq l-Aħdar;	Il-Gvern ta' Malta		1728/14
Wied il-Għajn	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of maisonette No 1 named 'Sardinella' and garage No 1, in Triq l-Aħdar;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjetà tal-maisonette Nru 66 jisimha 'Sea Shells' u l-garaxx Nru 68, fi Triq l-Ikħal; tal-fond bil-garaxx, jismu 'Ons Huis', fi Triq l-Ikħal;	Il-Gvern ta' Malta		1730 u 1734 tal-2014

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of maisonette No 66 named 'Sea Shells' and garage No 68, in Triq l-Ikħal; of the tenement and garage, named 'Ons Huis', in Triq l-Ikħal;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Drittijiet ta' kumpens ta' LRA 275/2009 fuq biċċa art tal-kejl ta' 5,459 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1899/14
Wied il-Għajn	*Compensation rights of LRA 275/2009 on a portion of land covering an area of 5,459 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Sqaq fil-limiti ta' Is-Sdieri ta' Żonqor, tal-kejl ta' 439 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1905/14
Wied il-Għajn	*An alley in the limits of Is-Sdieri ta' Żonqor, covering an area of 439 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Korrezzjoni LRA 2044/2012. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 1960/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		1960/14
Wied il-Għajn	*Correction of LRA 2044/2012.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1960/2014, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	L-utile dominju perpetwu ta' żewġ appartamenti bla numru, formanti parti mill-fond bla isem u bla numru, fi Triq il-Ħabberxa;	Paul Strafrace u martu Josephine	634048M 386451M	1979 u 1981 tal-2014
Wied il-Għajn	*The perpetual utile dominium of two unnumbered apartments, forming part of an unnamed and unnumbered tenement, in Triq il-Ħabberxa;*			
Żurrieq	Porzjoni diviża mill-għalqa Ta' Ħabel Ħamri, tal-kejl ta' 1,640 m.k., kontrada ta' San Tumas;	Philip Azzopardi u martu Georgina	556755M	1575/14
Żurrieq	*A divided portion of the field Ta'Ħabel Ħamri, covering an area of 1,640 s.m., district of San Tumas;*			
Żurrieq	L-għalqa Ix-Xagħara tal-kejl ta' 907 m.k., limiti ta' Wied Ganu; u 1/7 indiviż mill-għalqa Ix-Xagħara, tal-kejl ta' 941 m.k., limiti ta' Wied Ganu;	Joseph Darmanin et	573116M	1651 u 1652 tal-2014

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Żurrieq	*The field Ix-Xagħara covering an area of 907 s.m., limits of Wied Ganu; and 1/7 undivided share of the field Ix-Xagħara, covering an area of 941 s.m., limits of Wied Ganu;*			
Żurrieq	L-għalqa Ix-Xagħara tal-kejl ta' 980 m.k., limiti ta' Wied Ganu;	Evangelista Zammit et	728328M	1662/14
Żurrieq	*The field Ix-Xagħara covering an area of 980 s.m., limits of Wied Ganu;*			
Żurrieq	1/6 indiviż ta' parti mill-fond Nru 12 fi Triq San Pawl;	Il-Gvern ta' Malta		1693/14
Żurrieq	*1/6 undivided share of part of tenement No 12 in Triq San Pawl;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 529/2014. B'dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Tania Spiteri applikazzjoni LRA 1695/2014, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Edward Farrugia	275050M	1695/14
Żurrieq	*Correction of LRA 529/2014.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Tania Spiteri application LRA 1695/2014, a correction of the relevant site plan;*			
Żurrieq	Korrezzjoni LRA 1059/2002. B'dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Joseph R Darmanin applikazzjoni LRA 1059/2002 (dokument addizzjonali), korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Carmelo D'Amato	156147M	1059/02
Żurrieq	*Correction of LRA 1059/2002.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Joseph R Darmanin application LRA 1059/2002 (additional document), a correction of the relevant site plan;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Audrey Vassallo, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

It-30 ta' Mejju, 2014

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Audrey Vassallo, LL.D.
Land Registrar

30th May, 2014

Nru. 519

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
30.5.14	€30.165	€0.478

It-30 ta' Mejju, 2014

No. 519

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

30th May, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imqabba

Nhar is-Sibt, 7 ta' Ġunju, 2014 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ il-Knisja.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-Għasri

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2014 mis-1.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Triq l-Għasri.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2014 fid-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Gregory Bonnici, Triq Mater Boni Consigli, Misraħ Carlo Diacono, Triq San Pawl, Misraħ Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monica u Triq San Gregorju sa Misraħ ir-Repubblika.

POLICE NOTICE

No. 60

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mqabba

On Saturday, 7th June, 2014 between 6.00 p.m. and midnight through Misraħ il-Knisja.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

Għasri

On Sunday 8th June, 2014 between 1.00 p.m. and 7.00 p.m. through Triq l-Għasri.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

Żejtun

On Sunday, 8th June, 2014 at 9.30 a.m. through the following streets: Misraħ Gregory Bonnici, Triq Mater Boni Consigli, Misraħ Carlo Diacono, Triq San Pawl, Misraħ Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monica and Triq San Gregorju up to Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2014 mill-11.00 a.m. minn Triq Ħaż-Żabbar u Triq Buleben il-Kbir (ħruq ta' murtali).

Nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2014 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Ġużé Abela, Triq Dun G. Theuma, Triq De Rohan, Triq Ġebel San Martin, Triq l-Isqof Mattei, Triq Toni Zahra, Triq San Klement, Misraħ il-Bjar, Misraħ Bandolier, Triq Sant' Antnin, Triq Bugħarbiel, Triq Mikiel Cachia, Triq id-Duluri, Triq Santu Wistin u Triq San Girgor sa Misraħ ir-Repubblika.

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2014 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq John Borg, Triq Lorenzo Gafà, Triq Melchior Gafà, Triq it-Tabib Cannataci, Triq San Duminku, Triq Marsaxlokk, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Beland, Triq il-Kantur, Triq Piu X u Triq San Girgor sa Misraħ ir-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2014 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Gregorju, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Triq Villa Cagliares, Triq San Agostinu, Triq San Gregorju, Triq Santa Monica u Triq il-Ħerba sa Misraħ Gregorju Bonnici.

Minn nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2014 sal-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2014 fit-8.00 p.m., nofsinhar u d-9.30 p.m. minn Triq Ħaż-Żabbar u Triq Buleben il-Kbir (ħruq ta' murtali).

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Ġunju, 2014 fit-8.30 p.m. minn Misraħ ir-Repubblika, Misraħ Gregorju Bonnici, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Triq Luqa Briffa, Triq Beland u Triq San Girgor sa Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2014 fit-8.30 p.m. minn Misraħ Gregorju Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Gregorju, Triq Santa Monica, Triq Luqa Briffa, Misraħ Carlo Diacono, Triq Mater Boni Consigli u Misraħ Gregorju Bonnici.

Nhar is-Sibt, 14 ta' Ġunju, 2014 mit-8.00 a.m. 'il quddiem il-ġurnata kollha minn Triq Ħaż-Żabbar u Triq Buleben il-Kbir (ħruq ta' murtali).

Nhar is-Sibt, 14 ta' Ġunju, 2014 fis-7.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Gregorju Bonnici, Triq il-Kostituzzjoni, Triq Sant' Anġlu, Misraħ Carlo Diacono sa Beland B.C., u Triq Mater Boni Consigli sa Misraħ Gregorju Bonnici.

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 mit-8.00 a.m. 'il quddiem il-ġurnata kollha minn Triq Ħaż-Żabbar u Triq Buleben il-Kbir (ħruq ta' murtali).

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 fid-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Gregorju Bonnici, Triq Mater Boni Consigli,

On Sunday, 8th June, 2014 from 11.00 a.m. through Triq Ħaż-Żabbar and Triq Buleben il-Kbir (firing sites).

On Monday, 9th June, 2014 from 8.30 p.m. through the following streets: Triq Dun G. Theuma, Triq De Rohan, Triq Ġebel San Martin, Triq l-Isqof Mattei, Triq Toni Zahra, Triq San Klement, Misraħ il-Bjar, Misraħ Bandolier, Triq Sant' Antnin, Triq Bugħarbiel, Triq Mikiel Cachia, Triq id-Duluri, Triq Santu Wistin and Triq San Girgor up to Misraħ ir-Repubblika.

On Tuesday, 10th June, 2014 from 8.30 p.m. through the following streets: Triq John Borg, Triq Lorenzo Gafà, Triq Melchior Gafà, Triq it-Tabib Cannataci, Triq San Duminku, Triq Marsaxlokk, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Beland, Triq il-Kantur, Triq Piu X and Triq San Girgor up to Misraħ ir-Repubblika.

On Wednesday 11th June, 2014 from 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ San Gregorju, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Triq Villa Cagliares, Triq San Agostinu, Triq San Gregorju, Triq Santa Monica and Triq il-Ħerba up till Misraħ Gregorju Bonnici.

Between Wednesday, 11th June, 2014 and Friday, 13th June, 2014 at 8.00 p.m., midday and 9.30 p.m. through Triq Ħaż-Żabbar and Triq Buleben il-Kbir (firing sites).

On Thursday 12th June, 2014 from 8.30 p.m. through Misraħ ir-Repubblika, Misraħ Gregorju Bonnici, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Triq Luqa Briffa, Triq Beland and Triq San Girgor up to Misraħ ir-Repubblika.

On Friday, 13th June, 2014 from 8.30 p.m. through Misraħ Gregorju Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Gregorju, Triq Santa Monica, Triq Luqa Briffa, Misraħ Carlo Diacono, Triq Mater Boni Consigli and Misraħ Gregorju Bonnici.

On Saturday, 14th June, 2014 between 8.00 a.m. onwards all day through Triq Ħaż-Żabbar and Triq Buleben il-Kbir (firing sites).

On Saturday, 14th June, 2014 from 7.30 p.m. through the following streets: Misraħ Gregorju Bonnici, Triq il-Kostituzzjoni, Triq Sant' Anġlu, Misraħ Carlo Diacono up to Beland B.C, and Triq Mater Boni Consigli up to Misraħ Gregorju Bonnici.

On Sunday, 15th June, 2014 between 8.00 a.m. onwards all day through Triq Ħaż-Żabbar and Triq Buleben il-Kbir (firing sites).

On Sunday, 15th June, 2014 from 9.30 a.m. through the following streets: Misraħ Gregorju Bonnici, Triq Mater Boni

Triq San Pawl, Misraħ Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monica, Triq Piu X, Triq San Gregorju u Misraħ ir-Repubblika sa Misraħ Gregorju Bonnici.

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 fis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monica, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Misraħ Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Carlo Diacono u Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill sa Misraħ Gregorju Bonnici.

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 fis-6.00 p.m. minn Misraħ Carlo Diacono, Triq Mater Boni Consigli, Misraħ ir-Repubblika u Misraħ Gregorju Bonnici.

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 mis-7.15 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Carlo Diacono u Triq Mater Boni Consigli sa Misraħ Gregorju Bonnici.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

San Pawl il-Baħar

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. minn Triq San Pawl (mill-Mużew tas-Subien sal-Knisja Parrokkjali).

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2014 mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq San Pawl u Triq Parades.

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2014 mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq iż-Żerniq, Triq Censu Tanti, Triq il-Kaħli, Triq il-Lampuki u l-Pjazza tal-Qasam tad-Djar.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2014 mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m. minn Triq San Pawl, Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2014 mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Misraħ il-Parroċċa, Triq il-Parroċċa, Triq Sant' Anna, Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa u Triq il-Bitħa tas-Santwarju.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Mejju, 2014

Consigli, Triq San Pawl, Misraħ Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monica, Triq Piu X, Triq San Gregorju and Misraħ ir-Repubblika up to Misraħ Gregorju Bonnici.

On Sunday, 15th June, 2014 from 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monica, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Misraħ Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Carlo Diacono and Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill up to Misraħ Gregorju Bonnici.

On Sunday, 15th June, 2014 from 6.00 p.m. through Misraħ Carlo Diacono, Triq Mater Boni Consigli, Misraħ ir-Repubblika and Misraħ Gregorju Bonnici.

On Sunday, 15th June, 2014 between 7.15 p.m. onwards through Misraħ Carlo Diacono and Triq Mater Boni Consigli up till Misraħ Gregorju Bonnici.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

St Paul's Bay

On Sunday, 15th June, 2014 between 8.00 a.m. and 10.00 a.m. through Triq San Pawl (from Boys Museum up to Parish Church).

On Sunday, 22nd June, 2014 between 5.00 p.m. and 9.30 p.m. through Triq San Pawl and Triq Parades.

On Friday, 27th June, 2014 between 6.00 p.m. and 9.30 p.m. through Triq iż-Żerniq, Triq Censu Tanti, Triq il-Kaħli, Triq il-Lampuki and il-Pjazza tal-Qasam tad-Djar.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

Mellieħa

On Sunday, 22nd June, 2014 between 5.00 p.m. and 8.00 p.m. through Triq San Pawl, Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

On Friday 27th June, 2014 between 6.00 p.m. and 9.00 p.m. through Misraħ il-Parroċċa, Triq il-Parroċċa, Triq Sant' Anna, Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa and Triq il-Bitħa tas-Santwarju.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

30th May, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Lokali Nru. 21 tal-2014

Ħruq ta' Murtali lil hinn mix-xatt ta' quddiem ir-Radisson Blu Hotel - San Ġiljan

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting* , Transport Malta, jgħarraf li se jinħarqu murtali għal madwar 10 minuti lil hinn mix-xatt ta' quddiem ir-Radisson Blu Hotel, San Ġiljan fid-dati li ġejjin.

1. Is-Sibt 31 ta' Mejju 2014

2. Il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2014

3. Is-Sibt 28 ta' Ġunju 2014

4. Il-Ħadd 20 ta' Lulju 2014

5. Il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2014

6. Saturday 23 ta' Awwissu 2014

Il-wirja se tkun fil-pożizzjoni approssimattiva li jmiss:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°55'.76	14°29'.51

Il-ħruq ta' murtali se jsir bejn il-11.30 p.m. u n-12.30 a.m.

Il-kaptani tal-bastimenti huma ikunu avżati biex iżommu d-distanza ta' mill-inqas 100 metru 'l hinn mill-Ponta ta' San Ġorġ matul id-dati u l-ħinijiet. Id-dgħajjes li huma rmiġġati fiż-żona għandhom jitneħħew.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (VTS).

Chart affettwata: BA 177

It-30 ta' Mejju, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 21 of 2014

Fireworks Display from the foreshore in front of Radisson Blu Hotel – St. Julian's

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a 10 minute fireworks display will be held from the foreshore in front of the Radisson Blu Hotel, St. Julian's on the following dates.

1. Saturday 31st May 2014

2. Thursday 12th June 2014

3. Saturday 28th June 2014

4. Sunday 20th July 2014

5. Friday 25th July 2014

6. Saturday 23rd August 2014

The display will be centered in the approximate following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°55'.76	14°29'.51

The fireworks display will take place between 11.30 p.m. and 12.30 a.m.

Masters of vessels are advised to keep 100m off the coast of "Il-Ponta ta' San Ġorġ" during the above mentioned dates and time. Boats berthed within the area are to be removed.

Mariners are to comply with instructions issued by Valletta Port Control (VTS).

Chart Affected: BA 177

30h May, 2014

KAMRA TAD-DEPUTATI

Pożizzjoni ta' *Research Analyst* fil-Kamra tad-Deputati

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata s-17 ta' Novembru, 2012)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

L-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* fil-Kamra tad-Deputati.

Tul tal-*assignment* u Kundizzjonijiet

2. Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Research Analyst* fil-Kamra tad-Deputati, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Research Analyst* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Research Analyst fil-Kamra tad-Deputati huwa ekwivalenti għall- massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa €23,997).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Analyst* fil-Kamra tad-Deputati jinkludu li:

Janalizza u jipprepara *briefings* xierqa, kemm orali kif ukoll bil-kitba, fuq inizjattivi li joriġinaw minn istituzzjonijiet Ewropej jew oħrajn, b'referenza partikolari għall-impatt tagħhom fuq Malta;

Janalizza u jipprepara rapporti/*briefings* fuq kwestjonijiet li jiġu rreferuti lilha minn kwalunkwe Kumitat Parlamentari;

Jikkomunika ma', jagħti pariri kif meħtieġ u jiggwida liċ-*chairpersons* u membri tal-Kumitati Parlamentari fuq kwestjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom;

Imexxi b'mod effettiv ir-relazzjonijiet tal-Kumitati ma' dipartimenti governattivi u ma' sorsi professjonali, akkademiċi u sorsi esterni oħrajn fuq materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitati Parlamentari;

Jattendi għal u jipparteċipa kif meħtieġ f'laqgħat tal-Kumitati Parlamentari (ġeneralment jiltaqgħu wara l-ħinijiet tal-uffiċċju);

HOUSE OF REPRESENTATIVES

Position of Research Analyst in the House of Representatives

(Capacity building approval dated 17th November, 2012)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Clerk to the House of Representatives invites applications for the position of Research Analyst in the House of Representatives.

Duration of assignment and Conditions

2. A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Research Analyst in the House of Representatives, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as a Research Analyst during the assignment period will lead to termination of the assignment.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Research Analyst is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,997).

Duties

4. The duties of the Research Analyst include:

Analysing and preparing appropriate briefings, whether orally or in writing on initiatives originating from any European or other Institution with particular reference to their impact on Malta;

Analysing and preparing reports/briefings on matters that may be referred to him by any Parliamentary Committee;

Communicating with, advising as required and guiding the chairpersons and members of the Parliamentary Committees on matters falling within their competence;

Managing effectively key relationships with government departments, professional, academic and other outside sources of expertise on matters falling within the competence of Parliamentary Committees;

Attending and participating in meetings of Parliamentary Committees (generally convened after office hours);

Jakkumpanja delegazzjonijiet ta' Kumitati Parlamentari barra minn Malta, jekk ikun meħtieġ;

Jagħmel xogħol ieħor li jista' jingħatalu minn żmien għal żmien mill-i*Speaker,* minn *chairperson* ta' Kumitat Parlamentari u mill-Iskrivan tal-Kamra; u

Jaqdi dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Accompanying Parliamentary Committee delegations abroad, if so required;

Generally carrying out any other tasks assigned to him from time to time by the Speaker, by the chairperson of a Parliamentary Committee or by the Clerk to the House; and

Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu jafu tajjeb kemm il-lingwa Maltija kif ukoll dik Ingliża;

(iii) (a) Ikollhom, jew li ġew approvati li jingħataw, *post-graduate degree (Masters)* rikonoxxuta u rilevanti f'MQF Livell 7, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli, fl-Affarijiet Barranin, Studji Ewropej, Ekonomija, Finanzi, Studji Diplomatiċi, Xjenza Politika, Xjenzi Soċjali, Liġi, jew f'xi settur ieħor li jaqa' taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari, u sena esperjenza ta' xogħol rilevanti f'setturi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari.

Jew

(b) Ikollhom, jew li ġew approvati li jingħataw, *first degree* rikonoxxuta u rilevanti f'MQF Livell 6, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli, fl-Affarijiet Barranin jew Studji Ewropej jew Ekonomija jew Finanzi jew Studji Diplomatiċi jew Xjenza Politika jew Xjenzi Soċjali jew Liġi, jew f'xi settur ieħor li jaqa' taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari, u tliet snin esperjenza ta' xogħol relevanti f'setturi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari.

Jew

(c) Uffiċjali Pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10 b'sitt snin esperjenza ta' xogħol relevanti f'setturi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom formalment ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata f'setturi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitati Parlamentari u

(a) Għandhom abilitajiet komunikattivi, interpersonali u ta' *report writing* kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż;

(ii) must be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) (a) In possession, or have been approved for the award, of a recognised post-graduate degree (Masters), or a recognised appropriate comparable qualification, at MQF Level 7, in Foreign Affairs, European Studies, Economics, Finance, Diplomatic Studies, Political Science, Social Sciences or Law, or in any other field related to the areas covered by the Parliamentary Committees, plus one (1) year relevant work experience in the fields covered by the Parliamentary Committees.

Or

(b) In possession, or have been approved for the award, of a recognised first degree, or a recognised appropriate comparable qualification, at MQF Level 6, in Foreign Affairs, European Studies, Economics, Finance, Diplomatic Studies, Political Science, Social Sciences or Law, or in any other field related to the areas covered by the Parliamentary Committees, plus three (3) years relevant work experience in the fields covered by the Parliamentary Committees.

Or

(c) Public Officers in a Scale not below Scale 10 and who have six (6) years relevant work experience in the fields covered by the Parliamentary Committees.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience in the fields covered by the Parliamentary Committees and

(a) Have good communication, interpersonal, and report writing skills in both Maltese and English languages;

(b) Ikunu jafu l-*computer*;

(c) Kapaċi jesprimu ruħhom tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż u għandhom għarfien ta' lingwa oħra barranija.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel f'Sezzjoni 9).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ikunu sostanzjati b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji scanned mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Preżentazzjoni tal-applikazzjoni

